MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## JOSEPH BONNICI

Seduta tat-18 ta' April, 2005

Talba Numru. 755/2004

**Atlas Insurance Agency Ltd in rappresentanza tas-socjeta` estera AXA Insurance plc kif surrogati fid-drittijiet tal-assigurat taghha Avantgarde Tile & Stone Ltd abbazi tal-polza ta' assigurazzjoni u tal-ligi**

**Vs**

**John Abela Ltd**

It-Tribunal,

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-5 ta' April 2004 fejn is-socjeta` attrici talbet sabiex is-socjeta' konvenuta thallas is-somma ta' Lm341.56 (tlett mija wiehed u erbghin lira Maltin u sitta u hamsin centezmu) rappresentanti hsarat fil-merkanzija appartenenti lil assigurata tas-socjeta` attrici.

Fl-Avviz tat-talba intqal li:-

Peress illi l-konvenuta hija debitrici tas-socjeta` attrici fis-somma ta' tlett mija u wiehed u erbghin lira u sitta u hamsin centezmu lill-assigurata tas-socjeta` attrici u ghall-ispejjez tas-survey relattiv, waqt illi dawn kienu fil-kura u il-kustodja tal-konvenuta, liema konsenja waslet Malta fuq il-bastiment MV Zebbug fit-30 ta' Mejju 2003, liema danni diga thallsu mis-socjeta` attrici ai termini tal-polza relattiva.

Bl-imghax mill-1 ta' Settembru 2003 u bl-ispejjez kontra l-konvenuta, li minn issa tibqa` ngunta ghas-subizzjoni taghha.

Ra r-risposta fejn inghad:-

Illi t-talbiet huma preskritti ai termini tal-ligi tal-artiklu sitta (6) tal-Att 140 carriage of goods by Sea Act.

Illi t-Talbiet huma intempestivi stante illi din t-Talba ma gietx mibdija b'ittra jew mezz iehor.

Illi ghandhom igibu l-prova bejn il-kovenut u Avantgarde Tile & Stone Ltd li kien hawn vjolazzjoni guridika bejn il-partijiet.

Illi ghandhom jigu kjamati in kawza Millenium Insurance Agency Ltd peress li huma l-agenti assigurativi tal-konvenuti.

Illi ghandhom jigu kjamati in kawza Sea Malta Company Ltd u the Law of Cargo Handling Co Ltd peress li l-allegati hsara saret meta l-merkanzija kienet that il-kustodja u that is-sorveljanza taghha.

Sema` x-xhieda u ezamina d-dokumenti.

Ikkonsidra:

Illi gie eccepit mis-socjeta konvenuta n-nuqqas ta' notifika ai termini tal-Art 6 tal-Kap 140, ossia s-sena perjodu ta' dekadenza. Dan il-perjodu jibda jghaddi mid-data tal-konsenja jew min meta suppost gew konsenjati.

Jirrizulta mid-dokumenti esibiti a Fol 16 – 27 li l-ittri ndikati ntbaghtu sia mill-konsenjatarju u sia mis-socjeta assiguratrici. Il-merkanzija waslet fit-30 ta’ Mejju 2003. Il-kawza giet intavolata fil-5 ta’ April 2004. Jirrizulta ghalhekk illi s-socjeta attrici mxiet skond il-ligi.

Jiddeciedi billi jichad l-ewwel eccezjoni tas-socjeta konvenuta u jordna li l-kawza titkompla sabiex jigi trattat il-meritu.

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------